# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, 18 ta' Lulju, 2018**

**Rik. Nru. 997/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 997/18 fl-ismijiet:

Dr Johann **CRAUS**

vs

**IL-KUMMISSJONI GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU** u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta' Ġunju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti "iżżomm lill-intimati jew min minnhom milli jkomplu bil-proċess tal-ħatra ta' *Consultant Obstetrics and Gynaecology Interest in Assisted Reproductive Technology (Art)* fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa/ l-Isptar *Mater Dei*, liema proċess illum jinsab fl-istadju tal-petizzjoni quddiem l-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, in segwitu għas-sejħa magħmula fil-Gażżetta tal-Gvern tal-15 ta' Diċembru, 2017,

u dan peress illi qed jiġi preġudikat fid-drittijiet sħaħ tiegħu ta' *fair hearing* u *equality of arms* fil-proċess ta' petizzjoni kif kondott quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, liema proċess qed isir ukoll bi ksur tar-regolamenti li jirregolaw l-istess proċess";

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2018[1], li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-6 ta' Lulju, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fl-4 ta' Lulju, 2018, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li mhijiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt, billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub. Huma jgħidu li dak li r-rikorrent irid iżomm milli jseħħ bit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat ma huwiex se jseħħ, ladarba l-proċess tal-għażla twaqqaf sakemm tinstema' l-petizzjoni li huwa nnifsu ressaq quddiem il-Kummissjoni intimata. Għall-kuntrarju, minkejja li l-istess Kummissjoni laqgħet it-talba tiegħu li tinżamm seduta quddiemha, ir-rikorrent għażel li jiftaħ din il-proċedura tal-ħruġ tal-Mandat sewwasew lejliet il-jum li kellha tinżamm tali seduta. Jisħqu li l-proċess tas-smigħ ta' petizzjoni huwa dak ta' aċċertament tas-siwi ta' lment u mhux proċess kontenzjuż li jixxiebah ma' litiġju. Jgħidu li r-rikorrent ma jistax jitlob li jiddaħħlu fil-proċess tal-petizzjoni tiegħu l-konkorrenti l-oħrajn għall-mili tal-post billi jitlob li jingħatawlu l-marki kollha ta' dawk il-persuni wkoll bħala pre-kundizzjoni biex huwa jkompli jidher fil-proċess tal-petizzjoni li ressaq quddiem il-Kummissjoni. Fl-aħħarnett qalu li l-ħsara li tiġri li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent bil-ħruġ tal-Mandat tkun bil-wisq akbar mill-ħsara li hu jġarrab li kieku t-talba ma tintlaqax, minbarra li ma hemmx ħtieġa għall-ħruġ tal-istess Mandat;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-intimati, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, magħmula waqt is-smigħ tar-Rikors;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 19 tal-atti

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li jitwaqqaf proċess ta' għażla għall-mili ta' post ta' konsulent fit-Taqsima tal-ġinekoloġija fi ħdan l-Isptar *Mater Dei* wara sejħa pubblika magħmula mill-Ministeru tas-Saħħa, minħabba li r-rikorrent jgħid li, fit-tmexxija tal-proċess tal-petizzjoni tiegħu quddiem il-Kummissjoni intimata, mhumiex qegħdin jitħarsu l-prinċipji tas-smigħ xieraq u lanqas dak li l-partijiet ikunu stmati ndaqs ("*equality of arms*") u billi l-proċess imsemmi qed jitmexxa bi ksur tar-regolamenti li jħarsu l-istess proċess;

Tqis li r-rikorrent huwa kirurgu kwalifikat bi speċjalizzazzjoni fl-ostetriċja;

Tqis li fil-15 ta' Diċembru, 2017[2], il-Ministeru tas-Saħħa ħareġ sejħa għall-mili ta' kariga (D.H. 1187/17) ta' konsulent fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija b'interess speċjali fit-Teknoloġija tar-Riproduttivita` Assistita;

Tqis li r-rikorrent kien wieħed minn sitt (6) kandidati li ressaq ismu għall-għażla, li kellha titwettaq minn Bord tal-Għażla magħmul minn tliet (3) persuni (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord"), b'wieħed mill-membri jkun il-kirurgu Mark Sant u bil-Professur Yves Muscat Baron bħala ċ-*Chairperson*. Jirriżulta li, tnejn mill-persuni li xeħtu l-applikazzjoni tagħhom, irtirawha;

Tqis li fil-15 ta' Frar, 2018[3] il-Bord bagħat jgħarraf lir-rikorrent li l-kwalifiki tiegħu kienu jaqblu ma' dawk mitluba fis-sejħa u li kellu jattendi intervista mal-istess Bord fl-1 ta' Marzu, 2018;

Tqis li fil-21 ta' Marzu, 2018, il-Ministeru ħareġ ir-riżultat[4] tal-proċess tal-għażla u mir-rapport ħareġ li r-rikorrent ġie t-tielet;

Tqis li r-rikorrent jgħid li l-ewwel żewġ konkorrenti jaħdmu fl-istess klinika privata tal-kirurgu Sant. Bħala fatt ħareġ ukoll li, xi snin qabel, ir-rikorrent ukoll kien iservi fl-istess klinika privata tal-imsemmi kirurgu Sant;

Tqis li fit-28 ta' Marzu, 2018[5], ir-rikorrent ressaq petizzjoni quddiem il-Kummissjoni intimata (Pet 45/2018) bl-ilmenti tiegħu dwar ir-riżultat tal-proċess tal-għażla, u dan kif jipprovdi l-Manwal[6] u fiż-żmien hemmhekk preskritt;

---

[2] Dok "B", f'paġġ. 56 sa 61 tal-atti
[3] Dok "Ċ", f'paġġ. 62 – 3 tal-atti
[4] Dok "D", f'paġ. 64 tal-proċess
[5] Dok "E", f'paġġ. 65 – 9 tal-atti
[6] Hawnhekk ir-riferenza hija għall-*Manual on the Selection & Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service* (Verżjoni 3.2 aġġornata sal-4 ta' Ottubru, 2017), għalkemm ir-rikorrent ressaq kopja tal-Verżjoni 3 aġġornata sa Novembru tal-2016. Ara wkoll ir-reg 24(2) tal-A.L. 333/2016 (L.S. Kost. 05)

Tqis li fit-12 ta' April, 2018, il-Kummissjoni talbet lill-Bord jibgħat il-kummenti tiegħu dwar l-ilmenti tar-rikorrent u l-Bord bagħat lura l-kummenti tiegħu lill-Kummissjoni fis-26 ta' April, 2018;

Tqis li fit-3 ta' Mejju, 2018[7], il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrent ir-rimarki tal-Bord dwar l-ilmenti mressqa fil-petizzjoni tiegħu, ċaħdet it-talba tiegħu biex tgħaddilu l-marki mogħtija lill-konkorrenti l-oħra, u għarrfitu li l-petizzjoni tiegħu ma kinitx sejra tintlaqa' u l-każ tiegħu jitqies magħluq jekk kemm-il darba ma jagħmilx osservazzjonijiet u jissottometti tagħrif materjali addizzjonali sa żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn dakinhar;

Tqis li, b'ittra elettronika tiegħu tat-8 ta' Mejju, 2018[8], ir-rikorrent wera li ma kienx jaqbel mat-tweġiba li kien ta l-Bord u talab li l-Kummissjoni intimata ssejjaħ laqgħa biex hu jkun jista' jressaq sottomissjonijiet oħra quddiemha. Fost l-oħrajn, baqa' jisħaq li jkun jaf kif tqassmu l-marki tal-konkorrenti l-oħrajn;

Tqis li l-Kummissjoni bagħtet tgħarraf lir-rikorrent li kienet issejħet laqgħa fit-13 ta' Ġunju, 2018, imma minħabba li l-avukat tar-rikorrent ma kienx jista', tħalliet għal ġimgħa wara;

Tqis li, sadattant, ir-rikorrent ressaq din il-proċedura lejlet li kellha ssir il-laqgħa u l-proċess twaqqaf;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-Mandat[9];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[10]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba

---

[7] Dok "F", f'paġġ. 70 – 2 tal-atti
[8] Dok 'Ċ", f'paġġ. 24 – 6 tal-atti
[9] Art. 873(1) tal-Kap 12
[10] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[11];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[12]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[13] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li dwar l-element fejn ikun dikjarat mill-awtorita' li tkun li l-għemil li l-Mandat irid iwaqqaf kien hemm il-ħsieb li jitwettaq, f'dan il-każ jinsab sodisfatt. Għalkemm l-intimati jisħqu li dan l-element ma jeżistix, ladarba l-proċess tal-għażla huwa mwaqqaf (sospiż) sakemm il-Kummissjoni intimata tistħarreġ il-petizzjoni mressqa mir-rikorrent, il-Kummissjoni kienet tibqa' miexja bis-smigħ li kieku ma kienx għall-fatt li r-rikorrent talab il-ħruġ ta' dan il-Mandat (u l-Qorti laqgħet it-talba tiegħu b'mod provviżorju). Ta' min jgħid li l-għan tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li jżomm lill-Kummissjoni intimata milli tmexxi l-fażi tas-smigħ tal-ilment tar-rikorrent bla ma tħares il-liġi, u mhux li jitwaqqaf il-proċess li jtemm l-għażla għall-ħatra mitluba fis-sejħa għall-mili tal-karigi;

Tqis għalhekk li dan l-element mitlub fl-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta;

[11] Art. 875(3) tal-Kap 12
[12] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[13] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis li l-jedd mad-daqqa ta' għajn li r-rikorrent isejjes fuqu t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkun mexxiet il-proċeduri ta' quddiemha b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji tal-ħaqq naturali. Huwa jgħid li l-imsemmija Kummissjoni naqset milli tħarishom u li, minbarra li mxiet mal-Manwal minflok mal-liġi li taħtha twaqqfet u tista' twettaq is-setgħat tagħha, qiegħda twarrab il-prinċipji li l-istess liġi timponi bħala l-kriterji li bihom il-Kummissjoni hija mistennija li timxi fit-twettiq ta' ħatriet fis-servizz pubbliku;

Tqis li l-insindakabilita' tat-twettiq tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-Qrati ma għadhiex meqjusa bħala waħda assoluta, imqar f'dak li jirrigwarda lment dwar nuqqas ta' tħaris ta' xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali[14];

Tqis li l-ilment tar-rikorrent huwa sewwasew dwar jekk il-proċess tal-għażla li huwa wieġeb għalih huwiex milqut minn ksur ta' wħud minn dawn il-prinċipji. Ir-rikorrent jsemmi tliet (3) oqsma li fihom jgħid l-Kummissjoni mhijiex qiegħda tħares il-liġi: (i) fil-kwestjoni tal-kompożizzjoni tal-Bord u l-possibilita' ta' konflitt ta' interess ta' wieħed mill-membri tiegħu; (ii) nuqqas ta' trasparenza fit-tmexxija tal-proċess tal-għażla (il-mod kif tqassmu l-marki met mqabbel mal-kriterju msemmi fis-sejħa; il-kriterji mitluba fis-sejħa) u (iii) nuqqas ta' smigħ xieraq quddiem il-Kummissjoni fis-smigħ tal-petizzjoni tiegħu (ir-rifjut li jintwera l-marki li ġabu l-konkorrenti l-oħrajn) b'mod li tinġab fix-xejn l-istedina tal-Kummissjoni intimata biex iressaq sottomissjonijiet meta huwa mċaħħad mill-provi biex jagħmel dan;

Tqis li r-rikorrent jisħaq li l-Kummissjoni intimata diġa wriet li ma tridx tagħtih smigħ xieraq billi ċaħħditu milli jara d-dokumentazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jwassal aħjar l-argumenti tiegħu taħt il-petizzjoni mressqa minnu;

Tqis li l-ħarsien li jmissu jingħata mill-Kummissjoni intimata għall-prinċipji ta' ħaqq naturali jibqa' rilevanti u meħtieġ ukoll fil-fażi li wasal fih il-proċediment mibdi mill-petizzjoni tar-rikorrent, ladarba l-fażi tal-għoti tal-ħatra li fadal issir tiddependi wkoll mill-eżerċizzju mwettaq mill-imsemmija Kummisssjoni dwar l-ilmenti tar-rikorrent fil-petizzjoni tiegħu. Li kieku r-rimedju mogħti mir-Regolamenti dwar it-tressiq ta' petizzjoni[15] ma kienx maħsub biex joffri lill-kandidat aggravat rimedju mħaffef u effettiv biex jitlob verifika tal-ordni tal-mertu f'riżultat maħruġ minn Bord tal-Għażla, kien ikun ħela ta' ħin għall-istess kandidat u għall-Kummissjoni nnifisha biex joqogħdu

[14] P.A. TM **20.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti – Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura et***

[15] Reg. 24(1) tal-A.L. 333/16

jgħaddu minn proċess li jkun bla ebda fejda. Jinsab stabbilit ukoll li, mqar matul il-proċess tal-konsiderazzjoni ta' petizzjoni magħmula minn konkorrent bis-saħħa tar-Regolamenti, il-Kummissjoni intimata trid tħares il-prinċipji ta' smigħ xieraq u tagħti lill-istess konkorrent kull faċilita' ta' aċċess għat-tagħrif kollu li jkun jinsab fil-proċess tal-għażla, magħdud tagħrif dwar konkorrenti oħrajn[16];

Tqis li f'dan ir-rigward, ma tiswiex ħafna s-sottomissjoni magħmula mill-intimati li l-proċess tal-petizzjoni quddiem il-Kummissjoni intimata ma jmissux jitqabbel ma' "litiġju" u l-garanziji ta' opportunita' indaqs lill-partijiet ('*equality of arms*'). Għar-raġuni li għadha kemm issemmiet, il-fażi tal-petizzjoni ma tistax titqies bħala sempliċi waqfa tal-proċess tal-għażla, iżda hija r-rimedju waħdieni li kandidat f'konkors ikollu sa dak il-waqt biex jitlob l-istħarriġ tal-proċess tal-għażla li jkun sar, u tagħti lill-istess Kummissjoni setgħat wiesgħin ta' rimedju li jista' jitieħed f'każ li joħroġ li l-petizzjoni tkun mistħoqqa[17];

Tqis ukoll li l-għan ta' kull proċess ta' għażla f'konkors għall-mili ta' postijiet, partikolarment dawk fis-settur tas-servizz pubbliku, għandu jkun li jitmexxa kif imiss, b'ħarsien tal-prinċipju tal-mertu[18], skond ir-regolamenti u bla xaqlib ta' biżgħa jew favur lejn l-ebda awtorita' jew persuna. Dan, minnu nnifsu, huwa għan li jnissel il-jedd ta' kull min jikkonkorri f'sejħat bħal dawn;

Tqis li dwar l-ilment tar-rikorrent li l-Kummissjoni mxiet fuq il-Manwal u mhux fuq il-liġi, il-Qorti hija tal-fehma li, mad-daqqa t'għajn, dan ma jsejjisx l-ilment ta' tmexxija abbużiva jew lil hinn mil-liġi ("*ultra vires*") tal-proċess tal-għażla u f'dan il-każ jidher li l-kriterji tal-imsemmi Manwal jirriflettu dawk li jinsabu fl-Avviż Legali relattiv li fuqu jidher li l-Manwal huwa mfassal. Ta' min jgħid li l-liġi nnifisha tagħti li, fit-twettiq tal-liġi, jinħarġu linji-gwida "permanenti" (fil-għamla ta' Kodiċi dwar l-Immaniġjar jew manwali) dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-organiżżazzjoni u t-tmexxija tas-servizz pubbliku[19];

Tqis għalhekk, li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u mad-daqqa t'għajn, ir-rikorrent wera li għandu jedd li jistħoqqlu jitħares bil-ħruġ tal-Mandat mitlub, jew li jista' jitlob il-ħruġ tal-imsemmi Mandat biex iħares dak il-jedd;

Tqis li fejn jidħol l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan, huwa stabbilit li dan jintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor;

---

[16] Ara b'eżempju, P.A. AE **1.10.2017** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Stephanie Muscat noe vs Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et***
[17] Regola 6.3 tal-Manwal
[18] Li, b'Reg. 2(1) titfisser b'riferenza għal Regg. 14, 16(2) u 25 tal-A.L. 333/16
[19] Art. 15(1) u (5) tal-Kap. 497

Tqis ukoll li l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[20]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li kemm hu hekk huwa stabbilit li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[21], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[22];

Tqis ukoll li, f'dan il-każ, ir-rikorrent mhuwiex qiegħed jitlob li l-proċess tas-smigħ tal-petizzjoni tiegħu jitwaqqaf (kemm hu hekk, kien diġa' wera l-qbil li jidher quddiem il-Kummissjoni intimata fil-laqgħa msejħa għall-20 ta' Ġunju, 2018), iżda li jitkompla mbasta jsir b'ħarsien tal-liġi;

Tqis li waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-għaref difensur tar-rikorrent seħaq li, jekk kemm-il darba l-Qorti ma tilqax it-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat, ma jkun jiswielu xejn li joqgħod jiftaħ kawża wara biex jikseb ir-rimedju mitlub. B'mod partikolari, huwa jgħid li l-Kummissjoni intimata diġa' għamlitha ċara li mhijiex sejra tilqa' t-talba tiegħu li jingħata tagħrif dwar il-konkorrenti l-oħrajn li wieġbu għas-sejħa;

Tqis li f'dan ir-rigward l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jieħu xejra oħra. Minn dak li semgħet il-Qorti mingħand l-avukat difensur tar-rikorrent, ir-rimedju li jrid jitlob ir-rikorrent huwa deċiżjoni minn qorti li konkorrent bħalu f'sejħa għall-mili ta' kariga pubblika li jkun irid jikkontesta riżultat ta' bord tal-għażla jkollu l-jedd li jitlob li jingħata tagħrif dwar ir-riżultat ta' konkorrenti oħrajn u kull tagħrif dwarhom li kien f'idejn l-istess bord, lil hinn minn dak li tista' tippreskrivi xi liġi dwar il-ħarsien tat-tagħrif personali ta' dak li jkun;

Tqis li, jekk tassew hu hekk, il-ħtieġa tal-Mandat tinbidel f'espedjent u titlef il-kwalita' li l-Qrati ilhom żmien jitolbu minn dan l-element ewlieni fil-ħruġ tal-Mandat. Dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, ħaġa bħal din tkun qiegħda taħlaq dubju dwar jekk dak il-jedd jidhirx mad-daqqa t'għajn. Fit-tieni lok, huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta'

[20] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[21] P.A. JZM **30.1.2017** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Airmode Limited vs Malta International Airport p.l.c. et***.
[22] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***

Inibizzjoni ma tagħtix lok għal *specific performance*, iżda għal rimedji oħrajn[23]. Wara kollox, il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*[24]. Fit-tielet lok, għaliex jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat, hu ma kienx se jkollu l-ebda azzjoni xierqa x'iressaq fiż-żmien li trid il-liġi, ħlief waħda dikjaratorja, billi kemm azzjoni bħal dik li jindiku hu jew xi azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma ssirx biex il-Qorti tiddeċiedi hi minflok il-Kummissjoni intimata u żgur mhux qabel ma din tkun tat id-deċiżjoni tagħha dwar il-petizzjoni tiegħu[25];

Tqis li, essenzjalment, it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat trid li l-Qorti torbot lill-Kummissjoni intimata li timxi mal-liġi jew, fin-nuqqas, ma tkomplix miexja bil-proċess. Dwar dan, il-Qorti jidhrilha li ma għandhiex tkun talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex awtorita' pubblika (bħalma hija l-Kummissjoni intimata) tintwera li trid twettaq is-setgħat tagħha billi tħares il-liġi. Dan imissha u hija mistennija tagħmlu dejjem;

Tqis għalhekk li r-rikorrent naqas li juri li l-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ;

Tqis għalhekk li ma jirriżultax li r-rikorrent wera li jeżistu l-elementi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, it-18 ta' Lulju, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**

[23] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[24] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**
[25] Ara P.A. LM **27.5.2016** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Trafalgar Co Ltd et vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

**Imħallef**